MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1540/1993/1

**Nazzareno Abela**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u Michael Seychell bhala Chairman, ghan-nom u in rappresentanza tal-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi bis-sahha ta' ittra datata 22 ta' Marzu, 1993 (Dok X) lilhu mibghuta mill-awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, bil-firma tal-General Manager Peter Paul Ripard, l-attur inghata permess jimporta f'Malta tlett "open top buses" biex jintuzaw ghal xoghol ta' trasport privat, basta li jigu

osservati l-kondizzjonijiet hemm stipulati, liema kondizzjonijiet fil-fatt gew accettati mill-istess attur.

Premess illi a bazi tal-awtorizzazzjoni lilu moghtija kif premess, l-attur effettivament importa f'Malta tlett "open top buses" li gew regolarment sdoganati, wara li thallas id-dazju relattiv, u llum jinsabu fil-pussess tal-istess attur.

Premess illi minkejja li tali "open top buses" ilhom hawn Malta, fil-pussess tal-attur ghal aktar min xahrejn hu ghadu impossibilitat milli jaghmel uzu minnhom ghall-iskop li ghalih gew akkwistati stante li tali vetturi ghad m'ghanhomx in-numru ta' registrazzjoni Maltija.

Premess illi l-ghoti ta' tali numru ta' registrazzjoni jispetta lill-konvenuti il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, liema Awtoritajiet gew ripetutament mitluba mill-attur sabiex jghatuh in-numri ta' registrazzjoni mehtiega, izda sallum baqghu inadempjenti.

Premess illi dan id-dewmien da parte tal-konvenuti hu ghal kollox ingustifikat u qed jikkawza danni ingenti lill-attur li hu kostrett izomm fil-garage tieghu tali "open top buses" minghajr ma jista' jutilizzahom ghall-iskop li ghalih gew akkwistati u ghal liema skop hu nghata permess specifiku mill-konvenut Michael Seychell nomine.

Premess illi evidentement ghal tali nuqqas ta' koncessjoni tal-imsemmija numri tar-registrazzjoni Maltija huma responsabbli fil-konfront tal-attur il-konvenuti, li huma tenuti jikkoncedulu tali numri ta' registrazzjoni minghajr ulterjuri dewmien.

Ighidu ghalhekk il-konvenuti, prevja occorrendo dikjarazzjoni li huma jew min minnhom huma tenuti jikkoncedu lill-atturi in-numri ta' registrazzjoni maltija opportuni sabiex huwa jkun jista' jaghmel uzu regolari mill-"open top buses" fuq indentifikati ghall-iskop li ghalih gew akkwistati u ghal liema skop hu wkoll inghata permess specifiku mill-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku, ghaliex ghar-ragunijiet premess:

M'ghandhomx jigu kkundannati huma, jew min minnhom, effettivament jikkoncedu lill-attur in-numri tar-registrazzjoni Maltija relattivi ghal l-imsemmija "open top buses" sabiex hu jkun jista' jaghmel uzu minnhom kif premess, u dana taht dawk il-modalitajiet u fi zmien qasir u perentorju li jigu lilhom prefissi u ordnati min din l-Qorti ghal tali skop, taht is-sanzjoni tad-disprezz lejn din l-qorti fil-kaz tal-eventwali inadempjenza da parti taghhom.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Protest Giudizzjarju datat 12 ta' Novembru, 1993 u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-attur kontra l-konvenuti, senjatament dik ghad-danni, kontra l-konvenuti ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija** a fol. 17 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, li l-fatti tal-kawza ma jiggustifikawx smiegh bl-urgenza.

2. Illi fl-istat prezenti taghha l-ligi ma tipprovidix ghall-ghoti ta' licenzja ghat-tip ta' trasport pubbliku li jrid jopera l-attur u ghalhekk it-talba ta' l-attur hija nfondata.

3. Illi, di piu, il-vetturi in kwistjoni ma jikkonformawx mad-dettami tar-Regolament 173 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur u ghalhekk l-akkoljiment tat-talba ta' l-attur ikun jimporta ksur ta' ligi u t-talba hija ghalhekk ukoll inattendibbli.

4. Illi t-talba attrici hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ma ghandux licenzja biex jopera s-servizzi ta' trasport in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Seychell nomine** a fol 22 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-ligi, fl-istat attwali taghha, ma tipprovdix ghall-ghoti ta' licenzji ghat-tip ta' trasport pubbliku li irid jopera l-attur.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma insostenibbli skond il-ligi, billi l-vetturi importati mill-attur ghall-fini tas-servizz ta' trasport pubbliku li jrid jopera, ma jikkonformawx mad-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, u ghalhekk l-akkoljiment tat-talbiet odjerni ser jimportaw ksur ta' ligi.

3. Illi, in oltre it-talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur ma ghandux licenzja biex jopera s-servizz ta' trasport pubbliku in kwistjoni.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal a fol 31 li bih il-partijiet qablu li l-provi f'dina l-kawza u l-kawza ta' Angelo Spiteri ghandhom japplikaw reciprokament safejn ikun il-kaz;

Rat in-nota a fol 86;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Procedura ordinarja/ Kostituzzjonali-Konvenzjonali.**

Illi l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza. Illi fil-fatt f'dina l-kawza apparti l-mertu, gie sollevat ukoll punt kostituzzjonali dwar diskriminazzjoni. L-avukati difensuri ttrattaw dawn iz-zewg aspetti.

Illi fil-kors tal-kawza kien tqajjem punt kostituzzjoni u sar rikors quddiem il-Prim Awla, diversament presjeduta, li, fid-decizjoni taghha, kienet ipprevaliet ruhha mid-diskrezzjoni moghtija lilha mill-artikolu 46(2) tal-

Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap 310 u ghazlet li tiddeklina li tezercita s-setghat taghha skond dawk l-artikoli. Kien sar appell minn dika s-sentenza, li kkonfermat id-decizjoni tal-Prim Awla. L-atti imbaghad regghu ntbghatu lura quddiem dina l-Qorti ghal prosegwiment tal-kawza fil-mertu. Fil-fatt il-Qorti ta’ l-Appell kienet iddecidiet il-punt kostituzzjonali sollevat.

Ghalkemm il-Qorti ta’ l-Appell kienet iddecidiet il-punt kostituzzjonali mqajjem u cahditu dana ma jfissirx li, jekk quddiem dina l-Qorti, fil-kors tat-trattazzjoni tal-mertu, fil-kompetenza ordinarja taghha, jigi trattat punt ta’ natura kostituzzjonali jew konvenzjonali, ma kientx obbligata li tiehu konjizzjoni anke ta’ dak il-mertu u tiddecidieh f’dawk l-istess proceduri. Dan sakemm i
l-vertenza kostituzzjonali ma tkunx tesorbita ‘l barra mill-mertu ta’ l-azzjoni promossa u sakemm tkun tinteressa biss il-partijiet in kawza (ara fol 163 fil-kawza ta’ Angelo Spiteri).

Kif gie deciz fil kawza Kostituzzjonali Rapa vs Chairman Awtorita ta’ l-Ippjanar et deciza fil 31/5/2000, filwaqt li hu veru li hija biss il-Prim’Awla tal-Qorti Civili li ghandha gurisdizzjoni originali biex tittratta u tiddeciedi materji ta’ vjolazzjonijiet attwali jew mhedda tad-drittijiet fondamentali, fosthom allura d-dritt ta’ helsien mid-diskriminazzjoni, …. dan ma jfissirx illi kull Qorti jew Tribunal iehor kellu necessarjament iwarrab mill-konsiderazzjoni tieghu kull sottomissjoni li ssirlu fir-rigward ta’ l-allegata diskriminazzjoni li tolqot il-mertu, u li jaqa’ fil-kompetenza ta’ tali Qorti jew Tribunal.

Fil-kaz taht ezami ma jidher li hemm l-ebda ostakolu procedurali ghaliex dina l-Qorti, li qeghda issa tikkonsidra l-mertu kontenut fit-talbiet attrici promossi bl-att tac-citazzjoni, m’ghandiex ukoll tinvesti l-mertu tal-kwistjoni kostituzzjonali li l-attur allega li jiskaturixxu mill-istess fatti (ara fol 164 Process ta’ Angelo Spiteri).

**Talbiet attrici.**

Illi l-attur qed jitlob li l-konvenuti jikkoncedulu n-numri tar-registrazzjoni Maltija relattivi ghal “open top buses” li hu importa sabiex ikun jista’ jaghmel uzu minnhom.

Illi l-attur qed jissottometti ukoll li qed jigi diskriminat fuq il-hrug ta’ registrazzjoni u permessi necessarji ghat-tlett vetturi ‘open top buses’ minghajr gustifikazzjoni oggettiva u gusta kontra l-artikolu 14 tal Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija** rrisponda li jregi il-principju *volenti non fit iniuria* stante li l-attur kien konsapevoli li l-istess Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku kienet ghamlitilhu cara fl-ittra tas-27 ta` April, 1993 li "**VEHICLES MUST 1.1 CONFORM TO POLICE REGULATIONS AT ALL TIMES....".** L-istess rikorrent qed jammetti li l-vetturi ma jikkonformawx mal-Motor Vehicles Regulations (A.L. 128 ta` l-1994).

Illi ghalhekk it-talba kontenuta fir-rikors promotorju tammonta ghar-rikjesta li l-esponent jigi mgieghel mill-Qorti jikser il-ligi u jillicenzja vetturi li ghadhom qatt ma gew licenzjati bhalhom f`Malta u li ma jikkonformawx mal-ligijiet vigenti.

L-allegazzjoni li xi "vetturi ohra" gew licenzjati b`mod allegatament irregolari trid tigi pruvata mir-rikorrent.

**L-Awtorita’ dwar it-Trasport Pubbliku** rrispondiet minn naha taghha li ma kellix oggezzjoni ghat-talba ta’ l-attur purche` l-vetturi in kwistjoni jkunu konformi mal-*Motor Vehicle Regulations.*

L-attur irid igib prova li veikoli simili ghal tieghu gew akkordati l-permessi, ghaliex dan certament mhux minnu. Barra l-kwistjoni tal-konformita’ mar-regolamenti imsemmija, hemm kwistjoni ukoll ta` *safety* ghaliex il-gholi tal-vetturi huwa tali li hemm possibilita` reali li kollizjoni ma` *wires* tal-elettriku u materjal iehor li jkun imwahhal fl-gholi.

**FATTI**

Illi l-attur kien applika mal-Public Transport Authority ghal permess sabiex jimporta u jhaddem f`Malta tlieta 'open top buses' ghal xoghol ta` trasport privat. Illi f`din l-applikazzjoni l-attur kien specifika l-mizuri u l-fatturi kollha tat-tlett vetturi. L-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku kienet tat il-permess necessarju f`ittra datata 27 ta` April, 1993, (kopja annessa u mmarkata Dok. "A" fol 7) bil-kondizzjonijiet hemm imsemmija; in segwitu u a bazi ta` l-istess permess, ir-rikorrent kien importa t-tlett vetturi f`Malta li gew sdoganati, biex ma issirilhomx hsara. Illi kien jonqos biss li tinhareg ir-registrazzjoni tal-vetturi u n-*number plates* sabiex dawn ikunu jistghu jintuzaw fit-triq ghall-iskop li ghalih gew importati. Izda l-istess registrazzjoni u *number plates* mill-Kummissarju tal-Pulizija ma nghatawx peress illi l-mizuri tal-vetturi in kwistjoni ma kienux jikkonformaw mar regolamenti li jissemmew fil-Motor Vehicle Regulations Artikolu 173. Illi l-istess tlett vetturi ghadhom iggaraxxjati peress illi ma jistghux jintuzaw fit-triq minghajr ma tinhareg ir-registrazzjoni taghhom.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Kontestazzjoni**

L-attur qed jissottometti li meta applika ghall-permess minghand il PTA hu kien annetta l-misurazzjonijiet tal-*buses* li kien ser jimporta u l-PTA kienet approvat dina l-applikazzjoni u hu fil-fatt importa il-*buses*. Meta mbaghad gie biex jirregistrahom mal-Pulizija, il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija jirrifjuta li jirregistrahom billi sostna li dawn il-*buses* ma kienux konformi mal-Motor Vehicle Regulations.

L-attur issottometta li l-Kummissarju tal-Pulizija kien ra l-misurazzjonijiet u r-ritratti ta’ dawn il-*buses* meta ghamel l-applikazzjoni mal PTA u qabel ma mportahom Malta. L-attur qed isostni ukoll li hu gie diskriminat billi kien hemm vetturi ohra simili li gew registrati allavolja ma kienux konformi mal MVR.

Il-konvenuti qed jissottomettu li l-vetturi mportati ma kienux konformi mal MVR u li ma kienx hemm vetturi simili li gew registrati. Il-konvenuti ma jistghux jirregistraw vetturi bi ksur tal-ligi.

**Tikkunsidra**

Illi meta nqala dana l-kaz, il-procedura dwar licenzjar ta' vetturi kienet fi stadju ta' transizzjoni fis-sens li fejn qabel kollox kien isir mill-Kummissarju tal-Pulzija, f'dan il-perjodu nholqot l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku (ara ligijiet ezibiti fol 114 sa 188) u hafni mill-poteri gew mghoddija mill-pulizija lill Awtorita'.

Fil-kaz in ezami meta l-attur applika mal-Pulizija, dawn kienu irreferew il-kaz tieghu lill Awtorita' ghal konsiderazzjoni taghha. L-awtorita' kienet imxiet fuq li s-*structure plan* u accettat li jigu mportati dawn it-tipi ta' vetturi basta li "*such buses operate in accordance with the condtions outlined below*" fosthom li " *the Vehicle must conform to Police Regulations and Public Transport Authority regulations at all times*". F'dan l-istadju l-pulizija la kienet tapprova u lanqas kienet toggezzjonja. Michael Seychell, ghall Awtorita', xehed li ma kienx hemm konsultazzjoni mal-pulizija fir-rigward ta' li *specifications* tal-vetturi qabel inbaghtet l-ittra lill-attur.

L-attur kien tah lill Awtorita' misurazzjoni ta' *buses* li ma kienux konformi mar-regolamenti tat-traffiku u nonostante dana l-awtorita' kienet approvathom. Michael Seychell xehed: "Hemm oggezzjoni, ghax il-*buses* mhumiex konformi mal MVR, anke jekk dakinhar ma gbidniex l-attenzjoni, ifisser, ma nafx, ifisser inqasna, imma jekk mhumiex konformi ma' l-MVR ma nistghux nohorgu, jew il-Kummissarju, jew xi hadd iehor (fol 79).

Meta l-*buses* gew Malta u l-attur mar biex jirregistrahom ghand il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija dan irrifjuta li jirregistrahom ghax ma kienux konformi mar-regolamenti tat-traffiku. L-attur qed jippretendi li la hu kien ta' l-misurazzjonijiet liil l-Awtorita u dina kienet taf bihom u

approvathom, il-Kummisarju ma messux irrifjuta li jirregistrahom.

Allavolja l-awtorita' kienet tat il-kunsens taghha, dana kien suggett ghall kondizzjonijiet imposti fl-ittra imsemmija. L-attur kellu l-obbligu li jiccekkja x'kienu l-misurazzonijiet li kienu konformi mal-ligi u jekk il-buses ma kellhomx dawk il-misurazzonijiet ma messux impurtahom.  Angelo Spiteri li bhala attur kien importa minn dawn il-*buses* xehed : "Jiena bhala tul u gholi ma kontx daqshekk li dhalt fihom, ghax qatt, kemm ilhi bil-*buses*, ma kont naf il qisien. Fil-fatt fl-ittra tieghi jiena ma ghamiltiex lill Pulizija. Jiena ghamilta lill Awtorita'. Pero' mbaghad bhal ma tajt lill Awtorita' tajt lill Pulizija ukoll". L-Awtorita' kienet tat lill Abela u lill Spiteri *import licence* u mhux licenza ta' registrazzjoni.

L-*approval* ta' l-awtorita kien suggett ghall kondizzjonijiet imsemmija u jekk l-attur ma segwiex dina l-kondizzjoni l-approval moghtija ma kienitx valida. Dan bhal meta wiehed ihallas b' *cheque* u jinghata ricevuta izda flus fil-kont ma jkollux u l-ircevuta tkun suggetta ghall kondizzjoni li "*the receipt is valid  subject to bank clearance*" u ghalxejn dak li jkun jghid li ghandu ricevuta ta' pagament meta fil-fatt pagament attwalment ma jkunx sar.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li minnu jiddependi l-hrug tan-numri tal-vetturi kien gustifikat li jirrifjuta li jirregistra l-vetturi in kwistjoni. Bil-ligi kif inhi l-Kummissarju ma setghax johrog *road licence* bi ksur tar-regolamenti.

**Diskriminazzjoni**

L-attur kien ipprezenta nota a fol 86 fejn issoleva kwistjoni kostituzzjonali (li diga saret referenza ghaliha) koncernanti vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu naxxenti minn diskriminazzjoni projbita (abbinata ma l-ewwel artikolu ta' l-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja) effettwata fil-konfront tieghu billi l-istess regolamenti li qed jigu eccepiti fil-konfront tieghu f'dina l-kawza ma gewx applikati fil-kaz ta' hrug ta' licenzji ghall **vejikoli identici** ghall-tieghu u

b’hekk hemm vjolazzjoni ta’ l-artikoli 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta’ l-ewwel artikolu ta’ l-ewwel Protokol ta’ l-istess konvenjzoni.

Hu llum pacifiku illi hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni f’sitwazzjonijiet ugwali, (2) jigu trattati b’mod differenti (inkluz permezz ta’ imposizzjoni ta’ inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta’ privileggi jew vantaggi), (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi objettiva u ragjonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti ikun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta’ l-origini, l-opinjonijiet politici eccetra tal-persuni) jew; (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragjonevoli ta’ proporzjonalita’ bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat. (Ara “Il-Pulizija -vs- Dottor Joseph Muscat” - Prim’Awla Sede Kostituzzjonali - 28 ta’ Lulju, 1989, “Avukat Dottor Tonio Borg noe -vs- Ministru ta’ l-Affarijiet Barranin u Kultura et” - Prim’Awla Sede Kostituzzjonali - 2 ta’ Mejju, 1984, “Carmel Caccopardo -vs- Ministru tax-Xoghlijiet et” - Qorti Kostituzzjonali - 20 ta’ Frar, 1987 u bosta ohrajn).

Li mhux mehtieg li jirrizulta jew li jigi ppruvat li min kien il-kawza tad-diskriminazzjoni agixxa proprju bil-hsieb li jiddiskrimina fuq bazi ta’ razza, opinjoni, politika, sess eccetra. Dan ifisser li l-Qorti kellha tara biss jekk oggettivament tirrizultax id-diskriminazzjoni projbita u mhux il-movent ta’ min igib jew iwassal ghal tali diskriminazzjoni. “Saviour Gauci vs Direttur ta’ l-Edukazzjoni deciza mill-Prim Awla’ Sede Kostituzzjonali fil-11 ta’ Lulju, 1975; “Carmel Caccopardo -vs- Ministru tax-Xoghlijiet et appena citata).

Il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta’ diskriminazzjoni “timporta zewg elementi u cioe’ li l-lanjant ma giex trattat b’certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (*in pari condizione*) gie jew kien gie trattat b’certu mod jew li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor, irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta’ cirkostanzi pari” (“Avukat Dottor Louis Galea nomine -vs- Il-Kummissarju

tal-Pulizija et" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar, 1990). Il-paragun kellu allura jsir '*like with like'*.

Jispetta lir-rikorrent appellant li jipprova li s-sitwazzjoni tieghu kienet analoga ghal dik tal-persuni l-ohra li fil-paragun maghhom kien qed jippretendi li gie zvantaggjat u diskriminat. "*The burden is on the applicant to show that the badge he identifies is the basis of the differential treatment*".

Hu biss fejn is-sitwazzjonijiet jigi pruvat li kienu analogi li l-Istat kellu jiggustifika l-azzjoni allegatament diskriminatorja tieghu. "*Finally if it is established that the situations are not analogous then there is no obligation on the state to justify the differential treatment*". (Law of the European Convention on Human Rights Harris, Boyle and Warbrick pages 462 et seq).

Hu ovvju minn dawn l-enuncjazzjonijiet ta' dritt illi hi mehtiega bhala rekwizit essenzjali qabel kull konsiderazzjoni mill-Qorti l-prova fattwali illi r-rikorrent kien gie zvantaggjat ingustament meta paragunat ma' haddiehor fl-istess sitwazzjoni tieghu u li tali fatt kien jammonta ghal diskriminazzjoni u mhux semplici distinzjoni. Prova din li tispetta lill attur li jaghmel. "*The notion of discrimination, in the meaning of Article 14, includes, in general, cases where a person or group is treated without proper justification less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention*", (Abdul Azziz Case deciz mill-Qorti Ewropeja fit-28 ta' Mejju, 1985). "*The Commission and Court have agreed that not all types of differential treatments in the provision of rights and freedoms constitute prohibited discrimination under the Convention. In the Belgian Linguistic case the Court set forth its analytic scheme for determining where prohibited discrimination has occurred. (a) The facts found disclose a differential treatment; (b) The distinction does not have a name; that is it had no objection and reasonable justification having to the aims and effects of the measure under consideration; and (c) there is no reasonable proportionality between the means and the aim set forth to*

*be realised.*” (Law and Practice of the European Convention on Human Rights Gomien, Harris and Zwack pages 345et seq) Ara Sentenza Vol LXXX111 p1 p 163.

Fil-kaz in ezami l-attur qed jissottometti li l-istess regolamenti li qed jigu eccepiti fil-konfront tieghu f’dina l-kawza ma gewx applikati fil-kaz ta’ hrug ta’ licenzji ghall **vejikoli identici** ghall-tieghu. Issa jirrizulta car mill-provi prodotti li dina kienet l-ewwel darba li giet approvata applikazzjoni biex jigu impurtati *open top buses*. F’Malta ma hemmx vetturi identici li setghu jigu trattati b’mod differenti. Kwantu ghal *vintage cars*, l-attur stess jammetti li dawn mhumiex bhal *open top buses* li importa (ara xhieda ta’ Angelo Spiteri a fol 79 tal-process tieghu).

Angelo Spiteri esebixxa lista ta’ *coaches* (fol 179-180) li skond hu ghandhom mizurazzjonijiet mhux konformi mal MVR izda l-istess gew registrati. Fil-lista li esebixxa pero’ ma hemm ebda *open top coach* jew *bus*.

L-attur semplicement ipprezenta dina l-lista izda ma specifikax kif dawn mhumiex konformi u stenna li dana jsir mill-konvenuti, meta l-prova ta’ diskriminazzjoni jrid jaghmilha l-attur. Da parti tal-konvenuti dawn qalu li ma jafux b’kazijiet specifici li mhumiex konformi mar-regolamenti. Inoltre l-kummissarju kellu diskrezzjoni x’jaccetta dwar tul ta’ dawn il-vetturi izda mhux dwar l-gholi kif inhu l-kaz ta’ l-attur.

Angelo Spiteri ghamel riferenza ghal vettura partikolari, li mhiex *open top bus*, ghalhekk mhux *like with like*, izda li skond hu ghandha gholi ta’ 3.5 Volvo Y 0910 u l-konvenut Michael Seychell ipprezenta rapport fejn juri li “*the overall height of Volvo (coach) fitted with tyres 900*, ghandhom *height* 3.4m.

Fil-kaz in ezami kien jispetta lill-attur li jipprova li s-sitwazzjoni tieghu kienet analoga ghal dik ta’ persuni ohra li fil-paragun maghhom hu kien qed jippretendi li gie zvantaggjat u diskriminat. Haga, li l-Qorti hi tal-fehma, li hu m’ghamilx.

Ghalhekk mhux il-kaz li l-konvenuti jiggustifikaw l-azzjoni allegatament diskriminatorja fil-konfront tieghu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talbiet ta’ l-attur
bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------